

DEĊIŻONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-11 ta' Ġunju 2014

dwar l-ghajjuna mill-Istat SA.18832 (2013/C) (ex 2013/NN) (ex 2011/MX) (ex N 44/2005)
implimentata mil-Litwanja għal tnaqqis fit-taxxa tas-sisa fuq il-bijofjuwils

(notifikata bid-dokument C(2014) 3600)

(It-test bil-Litwan biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2014/830/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet l-oħra interessati jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq, ⁽¹⁾

Billi:

I. PROĊEDURA

- (1) Sa mill-2006, id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni kull sena jwettaq eżerċizzju ta' monitoraġġ *ex-post* ta' kampjun ta' miżuri ta' għajjuna implimentati mill-Istati Membri. L-iskema Litwana ta' tnaqqis fit-taxxa tas-sisa fuq il-bijofjuwils ġiet inkluża fl-eżerċizzju ta' monitoraġġ tal-2011, u f'dan il-kuntest il-Kummissjoni eżaminat kif l-Istati Membri applikaw kampjun ta' skemi eżistenti għall-perjodu li jkopri mill-2009 sal-2010. Din l-iskema ġiet approvata mill-Kummissjoni taħt in-numru tal-każ N44/2005 permezz tad-deċiżjoni tagħha K (2005) 2957C tas-27 ta' Lulju 2005 (minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala d-deċiżjoni tal-Kummissjoni).
- (2) Il-Kummissjoni talbet lil-Litwanja tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa bil-ħsieb li tivvaluta l-mod li bih ġiet implimentata l-iskema fl-2009 u fl-2010, permezz tal-ittri datati s-7 ta' Ottubru 2011, is-27 ta' Jannar 2012 u s-26 ta' Ġunju 2012. Il-Litwanja pprovdiet l-informazzjoni mitluba permezz tal-ittri datati l-10 ta' Novembru 2011, l-24 ta' Frar 2012 u t-18 ta' Lulju 2012.
- (3) Permezz tal-ittra datata s-17 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni informat lil-Litwanja bid-deċiżjoni tagħha li tagħti bidu għall-proċedura stipulata fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-iskema ta' għajjuna, billi kienet imhassa dwar il-possibbiltà li l-ghajjuna kienet qed tintuża ħażin. L-awtoritajiet tal-Litwanja pprovdew l-osservazzjonijiet tagħhom fit-13 ta' Awwissu 2013.
- (4) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħti bidu għall-proċedura ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fit-8 ta' Novembru 2013. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom.
- (5) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment mingħand il-partijiet interessati.

II. DESKRIZZJONI TAL-ISKEMA TA' GĦAJNUNA

- (6) L-iskema N 44/2005 kienet tikkonsisti minn tnaqqis fit-taxxa tas-sisa fuq il-bijofjuwils imħallta mal-fjuwils fossili. Dan it-tnaqqis kien japplika biss għall-komponent tal-bijofjuwils fit-taħlita. Konsegwentement, ir-rata tat-taxxa tad-dazju tas-sisa li għandha tiġi applikata għall-prodotti tal-bijofjuwils imħallta tnaqqset skont il-proporzjon tal-bijofjuwils fit-taħlita finali.

⁽¹⁾ ĠU C 323, 8.11.2013, p. 74.

- (7) L-oġġettiv tal-iskema kien li jiġu promossi l-produzzjoni u l-użu tal-bijofjuwils. L-iskema kienet maħsuba wkoll biex tassisti lil-Litwanja tilħaq il-miri stabbiliti fid-Direttiva 2003/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2003 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-bijokarburanti jew karburanti oħra rinnovabbli għat-trasport⁽¹⁾.
- (8) It-tnaqqis fit-taxxa tas-sisa kien miftuħ għal kwalunkwe produttur tal-bijofjuwils fil-Litwanja kif ukoll għal kwalunkwe importatur tal-bijofjuwils minn xi Stat Membru ieħor jew minn pajjiżi terzi li jimportaw lejn il-Litwanja.
- (9) L-iskema ġiet approvata mill-Kummissjoni fis-27 ta' Lulju 2005 u skadiet fil-31 ta' Diċembru 2010.
- (10) Matul l-eżerċizzju ta' monitoraġġ, il-Kummissjoni nnutat li l-Litwanja kienet implimentat l-iskema b'tali mod li evidentement ma kienx totalment f'konformità mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni.
- (11) L-ewwel nett, kif ġie indikat fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni, il-Litwanja kienet intrabtet li tagħmel rieżami annwali tal-ispejjeż tal-produzzjoni tal-bijofjuwils eliġibbli għat-tnaqqis fit-taxxa tas-sisa kif ukoll taċ-ċaqliq fil-prezz tal-bijomassa relatat mal-prezzijiet tal-fjuwils fossili, u li, jekk ikun meħtieġ, taġġusta l-ammont tal-ghajjnuna biex tevita li jsir kumpens żejjed u biex iżżomm il-prezz tal-bijofjuwils fl-istess livell ta' dak tal-fjuwils konvenzjonali. Il-Litwanja intrabtet ukoll li kull sena tippovdi lill-Kummissjoni b'rapporti ta' monitoraġġ li jkun fihom l-informazzjoni kollha rilevanti dwar l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-bijofjuwils u l-prezz tas-suq tal-fjuwils biex tindika li ma jkunx qed isir kumpens żejjed. Il-Kummissjoni qieset dawn l-elementi kollha hi u tivvaluta l-iskema ta' ghajjnuna u kkonkludiet li din kienet kompatibbli mas-suq intern.
- (12) Sa mill-2005, meta ġiet adottata d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, is-servizzi tal-Kummissjoni rilevanti (DG Kompetizzjoni) ma rċevew l-ebda rapport annwali bl-informazzjoni rilevanti dwar l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-bijofjuwils u dwar il-prezz tas-suq tal-fjuwils biex jiġi muri li n-nuqqas ta' kumpens żejjed kien qed jiġi mmonitorjat u żgurat. Tali informazzjoni ngħatat mil-Litwanja fuq it-talba espliċita tal-Kummissjoni matul il-proċedura ta' monitoraġġ, iżda din kienet tkopri biss is-sniin eżaminati fl-eżerċizzji ta' monitoraġġ rispettivi.
- (13) Fin-notifika tal-iskema, il-Litwanja pprovdi dejta dwar l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-bijoeanol u tal-bijodiżil, u din id-dejta ġiet invaluatata mill-Kummissjoni. Il-Litwanja semmiet li minbarra għall-bijoeanol u għall-bijodiżil, l-ghajjnuna setgħet tingħata wkoll għaż-żejt pur veġetali u ntrabtet li twettaq analiżi hekk kif prodott tal-bijofjuwils ikun ibbenefika mit-tnaqqis tat-taxxa sabiex tiżgura li t-tnaqqis ma jkunx qed iwassal għal kumpens żejjed. Din l-informazzjoni kellha tiġi sottomessa lill-Kummissjoni fir-rapporti ta' monitoraġġ annwali. Is-servizzi tal-Kummissjoni rilevanti (DG Kompetizzjoni) ma rċevew l-ebda informazzjoni li tikkonferma li tali analiżi twettqet min-naħa tal-Litwanja.
- (14) It-tieni nett, matul l-eżerċizzju ta' monitoraġġ, il-Litwanja ppreżentat dokumenti li jippruvaw li fl-2009 il-Ministru għall-Ekonomija kien diġà talab li l-benefiċjarji għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-ispejjeż u l-prezzijiet tal-bejgħ medji tal-fjuwil għall-2008. Il-Ministru għall-Ekonomija rċieva din id-dejta fl-2009 u pprovdiha, fir-rigward ta' xi benefiċjarji magħżula, lill-Kummissjoni matul l-eżerċizzju ta' monitoraġġ tal-2011. Madankollu, il-Litwanja ma ppreżentatx dejta aggregata dwar l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-bijofjuwils. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma setgħetx tivverifika kif suppost in-nuqqas ta' kumpens żejjed.

III. KUMMENTI MIL-LITWANJA

- (15) B'segwitu għall-ftuħ tal-investigazzjoni formali, il-Litwanja ppreżentat informazzjoni addizzjonali lill-Kummissjoni.
- (16) L-awtoritajiet Litwani pprovdu lill-Kummissjoni b'kopji tar-rapporti dwar il-promozzjoni tal-użu tal-bijofjuwils mill-2005 sal-2010.
- (17) L-awtoritajiet Litwani spjegaw li, minkejja li l-leġiżlazzjoni kienet tinkludi l-possibbiltà li tingħata l-ghajjnuna fil-qafas tal-iskema għaż-żejt pur veġetali, l-ebda bijodiżil ma kien prodott miż-żejt pur veġetali. Għalhekk, l-ebda ghajjnuna ta' dan it-tip ma ngħatat fil-qafas tal-iskema NN44/2005. Dan jispjega għalfejn ma ġie ppreżentat l-ebda rapport ta' dan it-tip lill-Kummissjoni.
- (18) Għas-sena 2009, ir-rapport annwali jinkludi diversi tabelli li fihom informazzjoni dwar l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-bijofjuwils, il-prezzijiet tal-fjuwils fossili, il-prezzijiet tal-bijofjuwils u l-prezzijiet tat-taħlitiet differenti. Din l-informazzjoni hija miġbura fil-qosor fit-tabelli ta' hawn taħt, ibbażati fuq rata tal-kambju ta' EUR 1 = LTL 3,4528.

⁽¹⁾ ĠUL 123, 17.5.2003, p. 42.

Tabella 1

L-ispejjeż tal-produzzjoni u l-prezz tal-bejgħ (qabel it-taxxa) tal-fjuwils (bijodiżil u diżil) fl-2009

Prezz tal-fjuwil, LTL ⁽¹⁾ il-litru	Bijodiżil (ester metiliku tal-aċidi xaħmin — FAME)	Diżil
1. Materja prima (+)	(...)*	(...)
2. Proċessar (+)	(...)	(...)
3. Spejjeż oħrajn (riċerka, riorganizzazzjoni tal-produzzjoni) (+)	(...)	—
4. L-ispejjeż tal-produzzjoni	(...)	(...)
5. Loġistika (+)	(...)	(...)
6. Prezz tal-bejgħ tal-prodott sekondarju (-)	(...)	—
7. Profitt	—	(...)
8. Prezz tal-bejgħ iffissat mill-produttur (qabel it-taxxa)	3,42	1,25

(*) Sigriet kummerċjali

⁽¹⁾ Rata tal-kambju użata: LTL 3,4528 = EUR 1.

Tabella 2

Il-prezz tal-bejgħ tal-fjuwil imħallat (diżil u bijodiżil)

Prezz tat-taħlita tal-fjuwil, LTL il-litru 5 % FAME	5 % FAME
Spejjeż tal-bijodiżil (FAME) fit-taħlita (5 % × LTL 3,42 il-litru)	0,171
Spejjeż tad-diżil fit-taħlita (95 % × LTL 1,25 il-litru)	1,188
Dazju tas-sisa (95 % × LTL/litru) 1,14	1,08
Prezz tal-bejgħ totali tat-taħlita tal-fjuwil	2,439
Aġġustament minħabba l-kontenut enerġetiku aktar baxx tat-taħlita (15 %) ⁽¹⁾	0,025
Prezz tal-bejgħ tat-taħlita tal-fjuwil (relattiv)	2,46

⁽¹⁾ Il-valur enerġetiku tal-bijodiżil, meta mqabbel ma' dak tal-fjuwil minerali (diżil), huwa aktar baxx: l-ammont ta' bijodiżil meħtieġ biex tiġi prodotta unità ta' enerġija ġie kkalkolat li huwa 15 % ogħla mill-ammont ta' diżil meħtieġ għall-produzzjoni tal-istess unità ta' enerġija.

Tabella 3

Il-prezz tal-bejgħ tad-diżil

Prezz tal-bejgħ tad-diżil (qabel it-taxxa)	1,25
Dazju tas-sisa fuq id-diżil	1,14
Prezz tal-bejgħ tad-diżil fl-2009 ⁽¹⁾	2,39

⁽¹⁾ Mingħajr VAT.

Tabella 4

L-ispejjeż ta' produzzjoni u l-prezz tal-bejgħ tal-bijoetanol u tal-petrol (qabel it-taxxa) fl-2009

Prezz tal-fjuwil, LTL/il-litru	Bijoetanol (etil-terzjarju-butyl-eteru — ETBE)	Petrol
1. Materja prima, inklużi l-pagamenti għaż-żrieragħ/għall-ħbub (+)	(...)	(...)
2. Proċessar (+)	(...)	(...)
3. Spejjeż oħrajn (riċerka, riorganizzazzjoni tal-produzzjoni) (+)	(...)	—
4. Spejjeż tal-produzzjoni	(...)	(...)
5. Loġistika (+)	(...)	(...)
6. Prezz tal-bejgħ tal-prodott sekondarju (–)	(...)	—
7. Profitt	—	(...)
8. Prezz tal-bejgħ iffissat mill-produttur (qabel it-taxxa)	2,04	1,36

Tabella 5

Il-prezz tal-bejgħ tal-fjuwil imħallat (bijoetanol u petrol)

Prezz tat-taħlita tal-fjuwil, il-litru	B'5 % bijoetanol
Spejjeż tal-bijoetanol fit-taħlita (5 % × 2,04 LTL/litru);	0,102
Spejjeż tal-petrol fit-taħlita (95 % × LTL 1,36 il-litru);	1,292
Dazju tas-sisa (95 % × LTL 1,50 il-litru);	1,425
Prezz tal-bejgħ totali tat-taħlita tal-fjuwil	2,819
Aġġustament minħabba l-kontenut enerġetiku aktar baxx tat-taħlita (60 %) ⁽¹⁾	0,0612
Prezz tal-bejgħ tat-taħlita tal-fjuwil (relattiv)	2,88

⁽¹⁾ Il-valur enerġetiku tal-bijoetanol, meta mqabbel ma' dak tal-fjuwil minerali (petrol), huwa aktar baxx: l-ammont ta' bijoetanol meħtieġ biex tiġi prodotta unità ta' enerġija ġie kkalkolat li huwa 60 % ogħla mill-ammont ta' petrol meħtieġ għall-produzzjoni tal-istess unità ta' enerġija.

Tabella 6

Il-prezz tal-bejgħ tal-petrol

Prezz tal-bejgħ tal-petrol (qabel it-taxxa) (100 % × LTL 1,36 il-litru)	1,36
Dazju tas-sisa fuq il-petrol	1,50
Prezz tal-bejgħ tal-petrol fl-2009 ⁽¹⁾	2,86

⁽¹⁾ Mingħajr VAT.

(19) L-awtoritajiet Litwani argumentaw li d-dejta li pprovdew għall-2009 u għall-2010 (riflessa fit-tabelli ta' hawn fuq) turi biċ-ċar li ma kienx hemm kumpens żejjed, la għall-produzzjoni tal-bijodiżil u lanqas għal dik tal-bijoetanol.

IV. VALUTAZZJONI TAL-GĦAJNUNA

- (20) Il-Kummissjoni, fid-deċiżjoni tagħha dwar il-każ N44/2005, diġà kienet ikkonkludiet li l-miżura inkwistjoni kienet tinvolvi għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Il-Kummissjoni vvalutat din l-iskema ta' għajnuna abbażi tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-Ħarsien tal-Ambjent⁽¹⁾, speċjalment it-taqsimu E.3.3. tagħhom, u kkonkludiet li l-għajnuna kienet kompatibbli mas-suq intern.
- (21) L-awtoritajiet Litwani kkonfermaw lill-Kummissjoni li huma kienu ppreżentaw rapporti annwali dwar l-iskema NN44/2005. Dawn ir-rapporti ġew ippreżentati lid-DG Enerġija f'forma ta' anness mar-rapport dwar il-promozzjoni tal-użu tal-bijofjuwils jew ta' fjuwils rinnovabbli oħra għat-trasport.
- (22) L-awtoritajiet Litwani issa pprovdew lid-DG Kompetizzjoni b'kopji tar-rapporti li kienu ppreżentaw għas-snin 2005, 2006, 2007, 2008, 2009 u 2010. Dawn ir-rapporti fihom informazzjoni dettaljata dwar l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-bijofjuwils u dwar il-prezzijiet tal-bejgħ. Barra minn hekk, hemm ukoll il-prezz ta' taħlitiet tal-fjuwil differenti.
- (23) Matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni setgħet tivvaluta li l-awtoritajiet Litwani kkonformaw mal-punt 34 tad-deċiżjoni N44/2005 u li lill-Kummissjoni ppreżentawha r-rapporti ta' monitoraġġ annwali meħtieġa dwar l-iskema.
- (24) L-awtoritajiet Litwani spjegaw li l-ebda bijofjuwil ma kien ġie prodott miż-żejt pur veġetali matul il-perjodu li fih kienet għaddeja l-iskema.
- (25) Matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni setgħet tasal għall-konklużjoni li, ladarba l-ebda bijofjuwil ma kien ġie prodott miż-żejt pur veġetali matul il-perjodu li fih kienet għaddeja l-iskema, ma kellha għalfejn tiġi inkluża l-ebda informazzjoni fir-rapporti ppreżentati lill-Kummissjoni.
- (26) Wara li issa vvalutat l-informazzjoni kollha pprovduta min-naħa tal-Litwanja dwar l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-bijofjuwils u dwar il-prezzijiet tal-fjuwils għall-2009 u l-2010, il-Kummissjoni taqbel li ma ngħata l-ebda kumpens żejjed fuq bażi aggregata fl-2009 jew fl-2010.

V. KONKLUŻJONI

- (27) Il-Kummissjoni tqis li l-Litwanja implimentat l-iskema ta' għajnuna N44/2005 b'mod korrett, f'konformità mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprovaha.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iskema ta' għajnuna mill-Istat N44/2005 li implimentat il-Litwanja hija kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u ġiet implimentata b'mod korrett, f'konformità mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni K (2005) 2957C tas-27 ta' Lulju 2005.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Litwanja.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Ġunju 2014.

Għall-Kummissjoni

Joaquín ALMUNIA

Viċi President

⁽¹⁾ ĠU C 37, 3.2.2001, p. 3.